**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 94/2015**

**Anthony Vella K.I. 443957M**
**Katy Vella K.I. 512155M**

**vs**

**Phylliseanne Farrugia K.I. 175488M**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat ta' r-rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi r-rikorrenti taw b'titolu ta' lokazzjoni l-fond konsistenti f'appartament numru 31, appartament numru 4, Triq il-Grigall, Isla u dana bil-pattijiet u kondizzjonijiet viggenti kif ma l-intimata;

2. Illi fost il-kondizzjonijiet l-intimat kellu li din il-kera kellha tintemm nhar it-30 ta' Settembru 2015 u ghalhekk illum il-kirja intemmet;

3. Illi filfatt din id-data ghaddiet u l-esponenti ghadhom ma hadux lura l-pussess tal-fond;

4. Illi l-intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'tressaq;

5. Illi ghalhekk kellha tigi intavolata din il-kawza bid-dispenza tas-smiegh u dan skond id-dikjarazzjoni mahlufa Dok A;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitolbu illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1. Tiddispensa mis-smigh tal-kawza u dan inter alia ai termini tal-Kap 69 Art 16A et seq;

2. Tiddikjara li t-terminu lokatizju koncess fil-ftehim ta' lokazzjoni ittermina u tordna l-izgumbrament taghha fi zmien perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez l-intimata hija minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimata kienet debitament notifikata bir-rikors promotur u bid-digriet tat-12 t'Ottubru 2015 fil-11 ta' Novembru 2015;

Ra li l-imsemmi rikors ghandu r-rekwiziti mehtiega mil-ligi sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ra li l-intimata kienet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh fl-14 ta' Dicembru 2015 ghas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2015;

Ra illi minkejja li kienet notifikata l-intimata naqset li tidher quddiem il-Bord fis-seduta tal-lum tas-16 ta' Dicembru 2015;

Sema'  lir-rikorrent, Anthony Vella, fis-seduta tal-lum 16 ta' Dicembru 2015, jikkonferma illi minn mindu giet prezentata l-kawza l-intimata m'ghamlet l-ebda hlasijiet u minn dakinhar 'l hawn ma nbidlu l-ebda fatti fil-kawza;

Iddecieda:

Il-Bord filwaqt li qed jipprocedi bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 16A (1) (b) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jilqa' l-istess talbiet rikorrenti kif dedotti fir-rikors odjern u ai fini tat-tieni talba jipprefiggi terminu perentorju ta' zmien xahar mil-lum ghall-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond; bl-ispejjez kontra l-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur